MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2002

Numru 32/2002

**Il-Pulizija**
**(Spett. Alfred Mallia**
**Spett.  Morgan Azzopardi)**

**Vs**

**Mark Busuttil**
**Bradley Carabott**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra:

Mark Busuttil ta’ 16 il-sena  bin John u Catherine nee’ Galea imwieled Pieta u residenti “Aquarius” Triq Patri Mattew Sultana, Kalkara, ta’ karta ta’ identita’ numru 540885 (M).

u  Bradley Carabott ta’ 16 il-sena bin Francis u Antonia nee Ellul imwieled il-Pieta’ u resideni “Frantan”, Triq Ganni Raymondo, Kalkara, ta’ karta ta’ identita’ numru  540885 (M).

Akkuzati talli:

1. Bejn il-5  u  s-6 ta’ Novembru 2001  gewwa x-Xghajra, Haz-Zabbar, ikkommettew serq ta’ ghasafar li jiswew aktar minn LM 100   izda inqas minn LM 1000 ghad-detriment  ta’ John Camilleri, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin;

2. Fl-istess cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Rat li l-imputati ma opponewx;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha u semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-akkuza tittratta serq ikkwalifikat bil-valur (taht  LM 1000) u hin.  Bhala akkuza alternattiva l-akkuzati gew akkuzati b’ricettazzjoni.

Issa hu pacifiku fid-dottrina li ghalkem iz-zewg reati huma

distinti u separati minn xulxin huma ghad-eskluzjoni ta' xulxin fis-sens illi ma tistax tinstab htija taz-zewg reati kumulattivament, izda, u skond ic-cirkustanzi, jew ta' reat jew l-iehor.

Fil-kaz presenti hemm l-istqarrijiet rispettivament rilaxxjati mill-imputati li ma jhallu ebda dubbju dwar li jissussisti kontra taghhom ir-reat ta' serq. Lanqas ma hu dubitat li jippersisti l-aggravju tal-hin.

Illi l-aggravju tal-valur jirrisulta wkoll wisq car minn-numru u l-ispecie tal-ghasafar misruqa. M'hemm ebda dubbju li l-ghasafar jiswew aktar minn LM 100 izda anqas minn LM 1000.

Illi m'hemm l-ebda akkuza li tikkwalifika is-serq bhala aggravat bil-mezz.

Illi in propositu ghall-piena d-derubat stqarr li "il-maggior parti ta' dawn l-ghasafar" gew restitwiti lilu. Jirrisulta wkoll li l-imputat Bradley Carabott ghandu fedina penali netta waqt li l-imputat Mark Busuttil ghandu precedent wiehed fejn kien instab hati ta' serq u kien ibbenefika mil-Artikolu 5 tal-Kap 152 (illum Art 7 tal-Kap 446).

Pero' u kkonsiderat kollox, inkluz il-fatt li l-imsemmi Mark Busuttil illum ghandu xoghol fiss, din il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha timponi piena karcerarja. Pjuttost tikkonsidra li ghandha timponi fuq l-imputati li jirrestitwixxu in solidum bejniethom l-ammont ta' LM 73 lil Mario Grech ossija l-persuna li hajru jixtri l-ghasafar.

Ghalhekk tiddeciedi u taqta' billi ssib l-imputati hatja tal-ewwel akkuza u konsegwentement tilliberahom fuq it-tieni.

Wara li rat l-Artikoli 261 (c) (f), 267, 270, 279, 280 tal-

Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446, tiddeciedi li tapplika kontra l-imputati l-Artikolu 22 tal-Kap 446 billi tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor f'perijodu ta' tlett snin mill-lum. Rat l-artikolu 24 tac-citat Kap 446 u tikkundannahom solidalment li jhallsu lil Mario Grech l-ammont ta' LM 73 zmien mhux aktar tard minn sitt xhur mill-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------